**120. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-MIDI p.l.c. art f'Manoel Island u Tignè kif hi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru. XIV ta' l-1999 li jemenda l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Manoel Island u Tigne' kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lill-MIDI p.l.c. għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

20.01.2000